MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 630/2009

**Go p.l.c.**

**vs**

**Mary Magdalena Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Awissu tas-sena 2009 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbatax-il ewro u hames centezmi (€614.05c) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma' servizz ta' telefon bin-numru 21388390 kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat bhala Dok A. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe` mill-10 ta' Novembru, 2008 kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Gie notat in oltre illi permezz ta' nota prezenta llum stess 8 ta' Ottubru, 2009, hija ammettiet it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, qieghed jikkundanna lill-konvenuta Mary Magdalena Sultana sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma kif mitluba ta' sitt mija u erbatax-il ewro u hames centezmi (€614.05c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------